MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 358/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Vella talli:

(1) Fit-3 ta' Dicembru 2000 f'xi hin wara nofsinhar gewwa San Giljan hebb ghal Sean Cassar u kkagunalu feriti ta' natura gravi u dan skond kif iccertifikaw it-tobba Joe Abela tal-Isptar u Dr. Khan tal-Mosta;

(2) Fl-istess zminijiet indikati hawn fuq, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq zewg nuccalijiet tax-xemx, ghad-

dannu ta’ Sean Cassar u Michelle Bartolo liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin pero` hija izjed minn ghaxar liri Maltin;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-imsemmi Sean Cassar bi kliem u anki b’oggett iebes sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

(4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u l-glied;

(5) Fl-istess zminijiet imsemmija hawn fuq kellu fil-pusses tieghu arma irregolari liema arma irregolari giet uzata ghall-offiza fuq il-persuna ta’ Sean Cassar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet izda sabet lill-imsemmi David Vella hati ta’ l-ewwel, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena u nofs;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi David Vella pprezentat fis-17 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta’ htija fir-rigward ta’ l-ewwel, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u in kwantu ghad-dikjarazzjoni fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet li l-procediment hu ezawrit, u tvarjaha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ Carmen Brincat u ta’ Sean Cassar;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Dwar il-*quantum* tal-piena, hi rilevanti biss il-piena li tirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, u cioe` piena ta’ prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin – dan in vista ta’ l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(d) fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni u in vista tal-fatt li l-artikoli 11 u 13 tal-Kap. 66 (citati mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-hames imputazzjoni) ma huma ta’ ebda rilevanza. B’daqshekk xorta jirrizulta li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa’ fil-parametri tal-ligi.

L-appellant pero` rrefera ghal diversi cirkostanzi li, skond hu, minhabba fihom il-piena ghandha tkun diversa.

L-appellant jirreferi ghall-verbal tal-25 ta’ Awissu 2006 quddiem l-ewwel Qorti fejn l-Avukat Dott. Edward Gatt ghall-*parte civile* kkonferma li missier l-appellant kien hallas kumpens ghan-nom ta’ l-appellant sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti minn Sean Cassar u Michelle Bartolo, u ghall-fatt illi l-ewwel Qorti, in vista ta’ dan il-fatt, iddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet. Jghid li l-incident jirrisali ghal sitt snin ilu u kien incident sfortunat li qatt ma messu nqala’. Jikkummenta li l-fattur principali ghaliex l-ewwel Qorti ddecidiet li taghti sentenza ta’ prigunerija effettiva kien li kien moghti l-beneficcju tal-Kap. 152 fl-1996. Jghid li anke jekk haqqu prigunerija ta’ sena u nofs, il-kambjament li ghamel fl-istil ta’ hajtu huwa fattur pozittiv sija ghalih u sija ghas-socjeta` in generali. Fil-fatt qieghed isegwi programm ta’ rijabilitazzjoni fil-Komunita` ta’ Santa Marija. Ghalhekk, jikkontendi l-appellant, jekk is-sentenza tigi konfermata, huwa ser jintbaghat il-habs u jintilef dak kollu

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

li rnexxielu jikseb bi tbatija u sagrificcji kbar. Illum huwa jirrejalizza l-izbalji li ghamel u pprova u qieghed jirnexxilu bil-kbir jaghmel xi haga ta’ gid b’hajtu. L-appellant isaqsi: Jekk dan li qed jaghmel l-appellant mhux ta’ riforma ghall-karattru li sa issa kellu, wiehed jistaqsi x’inhi r-riforma li s-socjeta` taghna qed tipprova tnissel f’persuna akkuzata b’reat kriminali? Il-kuncett ta’ *crime does not pay*, ikompli l-appellant, ma ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum. Il-kuncett predominanti llum mhuwiex ta’ piena retributtiva izda ta’ sistema restorattiva fejn, jekk hu possibbli u sa fejn hu possibbli, u tenut kont anke tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll tal-precedenti kriminali ta’ l-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, izda anke illi jkun hemm possibilita` illi dak li jkun jigi riformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi huwa minnu illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha rreferiet ghall-fatt li mill-fedina penali ta’ l-appellant (allura imputat) kien jidher li l-appellant “xellef difrejh mal-gustizzja f’reati abbastanza serji, pero` moghti anke l-beneficcju anke tal-Kapitlu 152 jidher li ma tantx gharaf jiehu l-beneficcju lilu moghti.” Hawn l-ewwel Qorti kienet qed tirreferi ghall-kopja tal-fedina penali li giet esebita ma’ l-akkuza. Il-fedina penali aggornata esebita fuq ordni ta’ din il-Qorti turi kondotta xejn ezemplari u pjuttost refrattarja. Inoltre l-griehi sofferti minn Sean Cassar huma serji. Pero`, ghalkemm din il-Qorti kellha l-okkazjoni diversi drabi tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta prigunerija <u>b’effett immedjat</u>, fl-istess hin <u>ma tistax tinjora l-mahfra inkondizzjonata ta’ l-istess vittma</u>. Sean Cassar xehed quddiem din il-Qorti li thallas kumpens u li “hfirtlu; m’ghandi xejn x’naqsam aktar”.

Barra minn hekk huwa ferm pozittiv illi l-appellant fl-ahhar irrejalizza li ma setax ikompli b’dik il-hajja refrattarja u kien wasal iz-zmien biex jaghmel xi haga fis-sod. Jidher li kemm ilu fil-Komunita` ta’ Santa Marija ghamel avvanzi kbar tant li gie anke deskritt mill-*youth worker* Carmen Brincat meta xehdet quddiem din il-Qorti fis-27 ta’ April

2007 bhala *"a very hard worker"*. Fix-xiehda taghha fl-1 ta' Frar 2008 imbaghad l-istess xhud qalet li l-appellant ghandu l-kapacita` johloq ix-xoghol tieghu stess u li "ahna lesti li nghinuh bil-mod il-mod jibni xi haga zghira halli jkollu l-business tieghu. Nisperaw li din ma tigix interrotta bl-ebda mod." Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2008 xehdet l-*care worker* Connie Fenech li wkoll rreferiet ghad-differenza kbira li rat fl-appellant minn meta dahal l-ewwel darba fil-Komunita` msemmija. Mix-xiehda taghha u tal-*probation officer* Marietta Lanzon imbaghad jirrizulta li l-appellant qieghed jahdem f'hanut tax-xoghol fil-Komunita`, jorqod xi granet fil-Komunita` u ohrajn id-dar u l-*urine samples* li jittehdulu huma kollha *clean*.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia** moghtija fit-18 ta' Jannar 2001 intqal hekk:

**"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *'a window of opportunity'* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu *Principles of Sentencing* (Heinemann, London, 1979):**

***'The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long periods of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited. As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote'* (pp. 22, 23).**

**U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' *Probation*:**

***'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character'* (p. 236)."**

Wara li din il-Qorti segwiet b'attenzjoni il-progress kbir li ghamel l-appellant matul l-ahhar madwar sena u tmien xhur li ilu fil-Komunita` ta' Santa Marija, fejn l-appellant wera bic-car li huwa kommess li jhalli l-hajja refrattarja warajh u ghalhekk il-possibilitajiet ta' success huma ottimi, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li piena karcerarja f'dan l-istadju huwa mehtieg. Bhalma ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anton Vassallo** moghtija fl-4 ta' Gunju 2008:

**"Din il-Qorti … trid tipprova ssib il-bilanc mehtieg bejn il-fatt li l-appellant irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta` u l-fatt illi r-rijabilitazzjoni kompleta ta' l-appellant tkun ta' beneficcju mhux biss ghalih izda ghall-istess socjeta` li huwa jrid jirritorna fiha. Ghalhekk din il-Qorti trid thares hafna 'l quddiem u tikkunsidra wkoll x'ikun l-ahjar mezz kif tista' tipprotegi lis-socjeta` una volta l-appellant ikun mill-gdid liberu."**

Fil-kaz odjern l-appellant kellu sentenza ta' prigunerija li huwa ghadu kemm skonta izda ghad ghandu supervizjoni fil-Komunita` ta' Santa Marija fejn jahdem u anke jorqod. Dak li issa huwa mehtieg huwa ordni ta' probation u servizz li jippermetti **"ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-*probation* filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu u jitghallem japprezza li hadd ma jista' jikser il-ligi b'impunita`."**[2] Barra minn hekk din il-Qorti sejra tordna illi l-appellant jaghmel programm ta' tahrig fil-*first aid* sabiex jitghallem li huwa ghandu jghin lil min huwa mwegga' u mhux iwegga'.

---

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anton Vassallo**, 4 ta' Gunju 2008.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi David Vella ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena u nofs u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 446, tordna li l-imsemmi David Vella jitqieghed taht ordni ta’ *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* ghal tliet snin millum u li jaqdi ordni ta’ servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha f’dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta’ din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn anness. Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta’ l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------